MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Rikors Numru. 53/2013

**Tarros S.p.A. socjeta` estera rapprezentata mill-mandatarju specjali l-Avukat Louis Cassar Pullicino (I.D. Numru 441061 (M))**

**vs**

**Valletta Freight Services Limited**
**(C – 3478)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors urgenti ta’ David Jones ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited datat il-21 ta’ Jannar, 2013, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi fl-20 ta’ Dicembru, 2012, gie notifikat b’mandat ta’ zgumbrament fl-ismijiet premessi biex jizgombra mill-fond 95, 99, 103, “*Pinto House*,” Xatt l-Ghassara tal-Gheneb, il-Marsa;

2. Illi l-mandat fuq indikat inhareg a bazi ta’ subbasta bin-numru 2/2011 fl-20 ta’ Gunju, 2012, fl-ismijiet *Dr. Renato Cefai nomine vs Valletta Freight Services Limited*;

3. Illi l-mandat ta’ zgumbrament in dizamina hu null ghaliex tardiv, u dan, a bazi tal-artikolu 357 tal-Kapitolu 12, tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi *ai termini* tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C – 3177) vs Doris Conchin legalment separata minn zewgha Robert Conchin, datata Novembru, 2011, l-izgumbrament kellu jsir fi zmien erba’ (4) xhur mill-liberazzjoni altrimenti, jekk jiskadi t-terminu *de quo*, is-sid kellu jipprocedi b’kawza appozita biex jitlob l-izgumbrament;

5. Illi l-liberazzjoni sehhet fl-20 ta’ Gunju, 2012, u l-mandat ta’ zgumbrament kien intavolat u approvat fid-19 ta’ Dicembru, 2012 – kwazi sitt (6) xhur wara d-data tal-liberazzjoni;

6. Illi nonostante s-suespost, ir-rikorrenti pprezenta rikors urgenti ghar-revoka tal-mandat ta’ zgumbrament fl-ismijiet premessi;

7. Illi r-rikorrenti odjern fuq indikat ipprezenta rikors biex jigi sospiz il-mandat ta’ zgumbrament in dizamina sal-ezitu finali tar-rikors ghar-revoka, liema rikors kien gie michud;

8. Illi t-terminu t’erba’ (4) xhur impost mill-ligi hu wiehed perentorju u ma jaghtix lok ghal estensjonijiet;

9. Illi ghaldaqstant, jitlob lill-Qorti biex:

i. Thassar *contrario imperio* d-digriet minnha moghti datat l-14 ta’ Jannar, 2013;

ii. Tordna s-sospensjoni tal-mandat in dizamina sakemm ikun hemm digriet ghar-rikors ghar-revoka numru 1261/12;

Ezaminat id-dokumenti annessi;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ezaminat ukoll l-atti tar-Rikors Numru 1261/2012 li kien miexi kontestwalment mar-rikors odjern;

Filwaqt li a skans ta' ripetizzjoni u dilungar inutili taghmel ampja referenza ghad-decizjoni taghha fl-istess Rikors indikat fil-paragrafu precedenti, ghar-ragunijiet hemm esposti tirrespingi r-risposta tas-socjeta` intimata fuq riferita u takkolji t-talbiet tar-rikorrenti nomine David Jones u konsegwentement:

1. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha datat l-14 ta' Jannar, 2013;

2. Tissottolinea, li in vista tad-decizjoni taghha tal-lum fl-istess ismijiet Rikors Numru 1261/12, stante li t-tieni talba tar-rikorrenti allura giet superfluwa, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess;

3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` Tarros S.p.A. socjeta` estera kif fuq rapprezentata.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------